TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 225/17/F

**Yanes Roderick Desira**

**vs**

**Josies Bathroom Centre Ltd**

Illum 29 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Diċembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' elf, disa' mija u sitta u tmenin ewro, u tletin ċenteżmi (€1,986.30), rappreżentanti l-prezz ta' madum li beda jittebba' wara li ġie mqiegħed.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għall-ewwel seduta biss.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal qabbad lill-espert tekniku Vincent Ciliberti sabiex jeċċedi fuq il-post u jispezzjona l-madum u jirrelata dwar dan il-każ, u jinnota b'dispjaċir illi minkejja li ordna lir-rikorrenti sabiex iħallas ir-rapport tekniku, dana ma riedx iħallas u b'hekk l-intimat ħallas għar-rapport li jammonta għal €377.60.

Illi t-Tribunal ra r-rapport fid-dettal tal-espert tekniku mqabbad mit-Tribunal stess, u jinnota illi r-rapport jikkonkludi li ma kienx hemm xi difetti imma kienu affarijiet li kienu ta' ħmieġ, u li kien hemm xi difetti żgħar illi ma kienx jiġġustifika dan l-ammont kollu fit-talba tiegħu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u b'dan illi l-ispejjeż tar-rapport għandhom jiġu mħallsa nofs bin-nofs bejn iż-żewġ partijiet, b'hekk ir-rikorrenti jrid iħallas id-differenza tal-ispejjeż ta' nofs ir-rapport, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888